Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2403

29.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2403

tat-28 ta' Ottubru 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward tat-tnaqqis tal-garanziji komprensivi għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati fir-rigward tal-bejgħ mill-bogħod u l-aġġustament ta' ċerti elementi tad-data għat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) u l-Artikolu 100(1), il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 ([2]) jintroduċi dazju doganali temporanju ta' EUR 3 għal kull oġġett f'kunsinni li l-valur intrinsiku tagħhom ma jaqbiżx total ta' EUR 150, meta l-importazzjoni tal-merkanzija tkun eżentata mill-VAT f'konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (ca), tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) jew il-merkanzija tkun f'kunsinna postali, li huma definiti fl-Artikolu 1, il-punt (24), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([4]) bħala merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/2152 ([5]) jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni introdotta mill-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għat-trattament ta' talba għall-introduzzjoni ta' merkanzija taħt il-proċedura ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera meta dik il-merkanzija tinbiegħ f'bejgħ mill-bogħod.

(2) L-Artikolu 95(3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jagħti lill-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-simplifikazzjoni doganali d-dritt li jibbenefikaw minn garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas. L-Artikolu 158(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([7]) jipprevedi tnaqqis ta' dik il-garanzija għal 30 % tal-partijiet tal-ammont ta' referenza determinat f'konformità mal-Artikolu 155(2) u l-Artikolu 155(3), il-punt (a) ta' dak ir-Regolament.

(3) L-Artikolu 155(3), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jipprevedi regoli għall-ammonti ta' referenza li għandhom jintużaw bħala garanziji komprensivi għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2) tad-Direttiva 2006/112/KE.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali bbażata fuq il-limitu (ĠU L, 2026/382, 18.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/382/oj).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/2152 tal-21 ta' Settembru 2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni (ĠU L, 2026/2152, 22.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/2152/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2026 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L, 2026/2108, 19.9.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/2108/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

(4) F'konformità mal-Artikolu 95(3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-operaturi ekonomiċi awtorizzati li jissodisfaw il-kriterji rilevanti, inkluża s-solvenza finanzjarja, huma intitolati li jibbenefikaw minn garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 158(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 jiġi emendat sabiex jiġi żgurat li t-tnaqqis għal 30 % tal-ammont ta' referenza jingħata wkoll għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod. Madankollu, peress li parti sinifikanti mill-merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod ġiet eżentata mid-dazji doganali sa Lulju 2026, l-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw li l-kriterji tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għadhom jiġu ssodisfati, b'mod partikolari s-solvenza finanzjarja tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 143a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, jeħtieġ tiġi emendata n-nota ta' spjegazzjoni taħt it-tabella fl-element tad-data 11 10 000 000 ("Proċedura Addizzjonali") fit-Titolu II "Il-kodiċijiet b'rabta mar-rekwiżiti komuni tad-data tad-dikjarazzjonijiet u tan-notifiki" tal-Anness B tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 biex jiġi inkluż il-kodiċi ta' proċedura addizzjonali l-ġdid F53 u biex jitħassar il-kodiċi ta' proċedura C07.

(6) Sabiex ikun jista' jsir il-kalkolu tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni fid-dikjarazzjonijiet doganali, jeħtieġ jiżdied tip ġdid ta' taxxa fl-element tad-data 14 03 039 000 "Tip ta' taxxa", fit-Titolu II "Il-kodiċijiet b'rabta mar-rekwiżiti komuni tad-data tad-dikjarazzjonijiet u tan-notifiki" tal-Anness B tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jiġi emendat kif xieraq.

(8) Sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fir-rigward tal-introduzzjoni tas-sett ta' miżuri relatati mat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni, ir-regoli li jnaqqsu l-garanziji komprensivi għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati fil-bejgħ mill-bogħod u li jaġġustaw l-elementi tad-data rilevanti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu u japplika mill-istess data bħar-Regolament Delegat (UE) 2026/2152 li jistabbilixxi l-ammont tiegħu.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 158 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont tal-garanzija komprensiva msemmi fl-Artikolu 95(3) tal-Kodiċi għandu jitnaqqas għal 30 % tal-partijiet tal-ammont ta' referenza determinat f'konformità mal-Artikolu 155(2) u l-Artikolu 155(3), il-punti (a) u (c), ta' dan ir-Regolament."; kif ukoll

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jimmonitorjaw jekk l-operaturi ekonomiċi awtorizzati li jibbenefikaw mit-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 2 għall-parti tal-ammont ta' referenza determinat f'konformità mal-Artikolu 155(3), il-punt (c), jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u għandhom, fejn meħtieġ, jieħdu l-miżuri xierqa f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu ġenerali ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.";

(2) fl-Anness B, it-Titolu II "Il-kodiċijiet b'rabta mar-rekwiżiti komuni tad-data tad-dikjarazzjonijiet u tan-notifiki", in-nota ta' spjegazzjoni taħt it-tabella fl-element tad-data 11 10 000 000 ("Proċedura Addizzjonali") hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera msemmija fil-kolonna H7, jistgħu jintużaw biss il-kodiċijiet ta' proċedura addizzjonali C08, F48, u F49 u F53 li huma permessi speċifikament għal din il-kolonna.";

(3) fl-Anness B, it-Titolu II "Il-kodiċijiet b'rabta mar-rekwiżiti komuni tad-data tad-dikjarazzjonijiet u tan-notifiki", l-element tad-data 14 03 000 000 ("Dazji u taxxi"), fit-tabella li telenka l-kodiċijiet applikabbli taħt is-subelement 14 03 039 000 "Tip ta' taxxa", tiżdied l-entrata li ġejja fi tmiem it-tabella:

Kodiċi	Deskrizzjoni
"F00	Tariffa ta' Trattament tal-Unjoni".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN